

Brussell, 16 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10352/22

SAN 394
MI 488
COMPET 511
FISC 136

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Ġunju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 279 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI dwar l-istabbiliment ta' bidla sostanzjali taċ-ċirkustanzi għall-prodotti tat-tabakk imsaħħan f'konformità mad-Direttiva 2014/40/UE

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 279 final.

Mehmuż: COM(2022) 279 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.6.2022
COM(2022) 279 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

**dwar l-istabiliment ta' bidla sostanzjali taċ-ċirkustanzi għall-prodotti tat-tabakk
imsaħħan f'konformità mad-Direttiva 2014/40/UE**

1. Introduzzjoni

L-Artikolu 2(28) tad-Direttiva 2014/40/UE¹ (minn hawn 'il quddiem issir referenza għaliha bħala "id-Direttiva") jiddefinixxi l-"bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi" bħala żieda tal-volumi tal-bejgħ skont il-kategorija tal-prodotti b'mill-inqas 10 % f'mill-inqas ħames Stati Membri, abbażi tad-*data* tal-bejgħ trażmessa f'konformità mal-Artikolu 5(6) tad-Direttiva jew żieda tal-livell ta' prevalenza tal-użu fil-grupp tal-konsumaturi li għandhom inqas minn 25 sena b'mill-inqas ħames punti perċentwali f'mill-inqas ħames Stati Membri għall-kategorija tal-prodott rispettiva, ibbażata fuq ir-rapport Speċjali tal-Ewrobarometru nru 385 ta' Mejju 2012 jew studji ta' prevalenza ekwivalenti. Skont l-istess dispożizzjoni, bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi titqies li ma tkunx seħħet jekk il-volum tal-bejgħ fil-kategorija tal-prodott fil-livell tal-bejgħ bl-imnut ma jaqbiżx it-2,5 % tal-bejgħ totali tal-prodotti tat-tabakk fil-livell tal-Unjoni. L-Artikoli 7(12) u 11(6) tad-Direttiva jirrikjedu li l-Kummissjoni tistabbilixxi bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi għal kategorija speċifika ta' prodotti f'rapport.

Dan ir-Rapport jipprovdi informazzjoni dwar l-iżviluppi tas-suq, li huma rilevanti għall-valutazzjoni ta' bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi għall-prodotti tat-tabakk imsaħħna. Il-prodotti tat-tabakk imsaħħna huma prodotti tat-tabakk ġodda li jissaħħnu biex jipproduċu emissjoni li jkun fiha n-nikotina u sustanzi kimiċi oħra, li mbagħad jittieħdu man-nifs mill-utent(i), u li, skont il-karatteristiċi tagħhom, huma prodotti tat-tabakk li ma jdaħħnu skont it-tifsira tal-Artikolu 2(5) tad-Direttiva, jew prodotti tat-tabakk għat-tippjip skont it-tifsira tal-Artikolu 2(9) tad-Direttiva. L-analiżi ppreżentata f'dan ir-Rapport hija bbażata fuq id-*data* trażmessa f'konformità mal-Artikolu 5(6) tad-Direttiva permezz tal-Punt tad-Dħul Komuni tal-UE ("EU-CEG"), id-*data* miġbura mis-sistema ta' traċċabbiltà tat-tabakk tal-UE stabbilita skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva u u d-*data* tal-"Euromonitor International Passport Tobacco 2021". Dan tal-aħħar huwa sett ta' *data* kummerċjali li l-Kummissjoni kisbet mingħand Euromonitor International. Is-sett ta' *data* tal-Euromonitor ma jinkludix *data* għal-LU, għal MT u għal CY (li jammontaw għal anqas minn 0,5 % tal-popolazzjoni tal-UE). Madankollu, dan intuża bħala indikatur rappreżentattiv għall-bejgħ tal-EU27.

2. Analiżi tal-bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi għall-prodotti tat-tabakk imsaħħna

2.1 L-ewwel kundizzjoni għall-bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi:

Sabiex tiġi ssodisfata l-ewwel kundizzjoni għal bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi, jeħtieġ li tiġi stabbilita waħda miż-żewġ ċirkostanzi li ġejjin.

2.1.1 Żieda fil-livell ta' prevalenza tal-użu fil-grupp tal-konsumaturi ta' taħt il-25 sena b'mill-inqas ħames punti perċentwali f'mill-inqas ħames Stati Membri

¹ Id-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 1).

Ir-rapport tal-Ewrobarometru Speċjali 506² ma identifika żieda fil-livell ta' prevalenza tal-użu fil-grupp tal-konsumaturi ta' taħt l-età ta' 25 sena b'mill-inqas ħames punti perċentwali f'mill-inqas ħames Stati Membri għall-prodotti tat-tabakk imsaħħna.

2.1.2 Żieda fil-volumi tal-bejgħ tal-prodotti kkonċernati b'mill-inqas 10 % f'mill-inqas ħames Stati Membri

It-Tabella 1 li hija bbażata fuq id-*data* tal-EU-CEG, tippreżenta ż-żieda fil-volumi tal-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk imsaħħna fil-livell tal-bejgħ bl-imnut għall-perjodu 2018 - 2020 fl-Istati Membri fejn iż-żieda rilevanti ġiet stabbilita bħala ogħla minn 10 %.

Tabella 1: Volumi ta' bejgħ ta' prodotti tat-tabakk imsaħħna, f'miljuni ta' stiekek (2018 – 2020)

Stat Membru	2018 volumi ta' bejgħ	2019 volumi ta' bejgħ	2020 volumi ta' bejgħ	2019-2018 żieda perċentwali	2020-2019 żieda perċentwali	2020-2018 żieda perċentwali
CY	44,590	96,660	147,260	117 %	52 %	230 %
CZ	0,859	1 284,094	1 744,4	Aktar minn 999 %	39 %	Aktar minn 999 %
FR	36,796	78,215	186,009	113 %	138 %	406 %
GR	0,007	1 159,804	1 443,958	Aktar minn 999 %	25 %	Aktar minn 999 %
HR	0,003	219,072	289,592	Aktar minn 999 %	32 %	Aktar minn 999 %
IT	0,042	3 571,016	5 819,033	Aktar minn 999 %	63 %	Aktar minn 999 %
NL	28,262	43,120	71,618	53 %	66 %	153 %
PL	0,010	1 206,171	2 466,150	Aktar minn 999 %	104 %	Aktar minn 999 %
PT	338,022	637,649	944,977	89 %	48 %	180 %
RO	486,239	671,053	837,587	38 %	25 %	72 %
EU27	934,854	12 332,655	19 716,820	1219 %	60 %	2009 %

Sors: *Data* tal-EU-CEG

Għalhekk, id-*data* ppreżentata hawn fuq tikkonferma li l-volumi tal-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk imsaħħna fil-livell tal-bejgħ bl-imnut żdiedu b'perċentwal ogħla minn 10 % f'aktar minn ħames Stati Membri matul il-perjodu definit mill-2018 sal-2020.

Fuq din il-bażi, ġiet issodisfata l-ewwel kundizzjoni għal bidla sostanzjali ta' ċirkostanzi rigward il-prodotti tat-tabakk imsaħħna.

2.2 It-tieni kundizzjoni għall-bidla sostanzjali ta' ċirkostanzi: il-volum tal-bejgħ tal-prodotti kkonċernati fil-livell tal-bejgħ bl-imnut jaqbeż it-2,5 % tal-bejgħ totali tal-prodotti tat-tabakk fil-livell tal-Unjoni

Is-sehem tas-suq tal-prodotti tat-tabakk imsaħħna fil-livell tal-bejgħ bl-imnut ġie kkalkolat billi l-volum tal-bejgħ annwali tagħhom ġie diviż bil-volum tal-bejgħ ġenerali tal-prodotti

² [Attitudes of Europeans towards tobacco and electronic cigarettes - Frar 2021 - Stharriġ tal-Ewrobarometru \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/eurobarometer/surveys/index.cfm?id=688)

kollha tat-tabakk fil-livell tal-Unjoni. Ġew esplorati sorsi alternattivi ta' *data* sabiex tiġi żgurata r-robustezza ta' dan il-kalkolu.

2.2.1 Il-volum tal-bejgħ tal-prodotti tat-tabakk imsaħħna fil-livell tal-bejgħ bl-imnut

It-Tabella 2 turi l-volum tal-bejgħ tal-EU27 ta' prodotti tat-tabakk imsaħħna fl-2020 minn żewġ sorsi ta' *data* differenti, indipendenti b'mod reċiproku.

Tabella 2: Volumi ta' bejgħ ta' prodotti tat-tabakk imsaħħna fl-EU27 f'miljuni ta' stikek (2020)

Sors tad- <i>data</i>	Volum tal-bejgħ 2020
EU-CEG	19 717
Euromonitor	20 766

Kif muri fit-tabella, il-volum tal-bejgħ irrapportat mill-Euromonitor huwa kemxejn ogħla mill-volum tal-bejgħ tal-EU-CEG. F'konformità mal-approċċ konservattiv magħżul għal dan ir-Rapport, l-inqas volum ta' bejgħ (jiġifieri l-volum EU-CEG) intuża bħala n-numeratur għall-kalkolu tas-sehem mis-suq tal-prodotti tat-tabakk imsaħħna. In-numeratur jesprimi l-volum annwali tas-suq tagħhom fl-2020 li għandu jitqabbel mal-volum totali ta' prodotti tat-tabakk mibjugħin fl-EU27 fl-2020 fil-livell tal-bejgħ bl-imnut.

2.2.2 Il-bejgħ totali tal-prodotti tat-tabakk fil-livell tal-Unjoni

It-Tabella 3 hija bbażata fuq id-*data* tal-Euromonitor. Din turi l-bejgħ totali ta' prodotti tat-tabakk, inkluż il-bejgħ totali ta' sigaretti, sigarri, cigarillos, tabakk tal-brim, tabakk tal-pipa u tal-magħda u prodotti tat-tabakk imsaħħna fl-2020.

Tabella 3: Il-volumi totali tal-bejgħ tal-prodotti tat-tabakk (fl-2020)

Sigaretti (f'miljuni ta' stikek)	Sigarri (f'miljuni ta' unitajiet)	Cigarillos (f'miljuni ta' unitajiet)	Tabakk tal-brim (f'miljuni ta' stikek)*	Tabakk tal-pipa u tal-magħda** (aġġustament)	Tabakk imsaħħna (f'miljuni ta' stikek)	Bejgħ totali ta' prodotti tat-tabakk (f'miljuni ta' ekwivalenti ta' stikek)
408 279	1 006	8 459	108 059	3 908	20 766	550 478

* Rapport tal-Euromonitor: Il-prodotti tat-tabakk tal-brim jiżnu 75 641 tunnellata. L-analiżi tikkalkula l-ekwivalenti fi stikek tat-tabakk tal-brim billi tikkunsidra 0,7 gramma ekwivalenti għal stikka waħda.

** Minħabba l-fatt li l-volum tal-bejgħ tat-tabakk tal-pipi u tal-magħda ma jistax jiġi kkwantifikat fi stikek b'mod standardizzat, l-analiżi taġġusta l-volum tal-bejgħ totali tal-prodotti tat-tabakk billi żżid is-sehem korrispondenti tal-valur tas-suq tal-EU27, li kien 0,71 % fl-2020 (għalhekk ekwivalenti għal 550 478 * 0,71 % = 3 908 miljun ekwivalenti ta' stikek).

Sors: Euromonitor International Passport Tobacco 2021

Minn Mejju tal-2019, is-sistema ta' traċċabbiltà tat-tabakk tal-UE tippermetti lill-Istati Membri jsegu l-fluss tas-suq tas-sigaretti u tat-tabakk tal-brim. It-Tabella 4 turi l-volumi tal-bejgħ tas-sigaretti u tat-tabakk tal-brim għall-2020, ikkalkolati mid-*data* bbażata fuq is-sistema tat-traċċabbiltà tat-tabakk, filwaqt li jitqiesu żewġ approċċi alternattivi, kull wieħed jaqbad perjodi ta' żmien kemxejn differenti, li jirriflettu ż-żmien meħtieġ biex il-prodotti

jimxu 'l isfel fil-katina tad-distribuzzjoni. Minħabba li d-*data* tiġi rreġistrata fil-livell tal-manifattur, jiġi preżunt dewmien ta' xahar sakemm il-prodott jilħaq il-livell tal-bejgħ bl-imnut (“ċifri tal-produzzjoni aġġustati skont il-ħin”).

Minħabba li l-bażi ta' *data* tat-traċċabbiltà ma tinkludix id-daqs tal-pakkett, l-analiżi kkontrovverifikat id-*data* dwar it-traċċabbiltà mal-bażi ta' *data* tal-EU-CEG bl-użu tal-identifikatur uniku tal-prodott (TP-ID) sabiex taċċerta l-għadd ta' sigaretti għal kull pakkett unitarju ddikjarat għall-identifikatur ta' kull prodott tat-tabakk fir-rapport tal-EU-CEG.

Tabella 4: Il-produzzjoni tas-sigaretti u tat-tabakk tal-brim fl-2020³

Sigaretti		Tabakk tal-brim	
Ċifri tal-produzzjoni aġġustati skont il-ħin (f' miljuni ta' stikek)	Ċifri tal-produzzjoni mhux aġġustati skont il-ħin (f' miljuni ta' stikek)	Ċifri tal-produzzjoni aġġustati skont il-ħin (f' miljuni ta' ekwivalenti ta' stikek)	Ċifri tal-produzzjoni mhux aġġustati skont il-ħin (f' miljuni ta' ekwivalenti ta' stikek)
436 123	434 164	121 239	122 341

Iċ-ċifri tal-produzzjoni aġġustati skont il-ħin jirreferu għall-perjodu: Diċembru 2019 - Novembru 2020.

Iċ-ċifri tal-produzzjoni mhux aġġustati skont il-ħin jirreferu għall-perjodu: Jannar 2020 – Diċembru 2020.

Sors: Sistema tal-UE għat-traċċabbiltà tat-tabakk

Għall-fini tal-kalkolu konservattiv adottat, ir-Rapport iqis l-oġġla miż-żewġ valuri għall-kategoriji rispettivi (jiġifieri ċ-ċifri tal-produzzjoni għas-sigaretti aġġustati skont il-ħin u ċ-ċifri tal-produzzjoni għat-tabakk tal-brim mhux aġġustati skont il-ħin).

Minħabba li d-Direttiva tiddifferixxi t-traċċabbiltà ta' kategoriji oħrajn ta' prodotti tat-tabakk sal-2024, it-tabella 5 tgħaqqad id-*data* tas-sistema tat-traċċabbiltà tat-tabakk miksuba għas-sigaretti u għat-tabakk tal-brim mad-*data* rilevanti tal-Euromonitor għal kategoriji oħrajn ta' prodotti tat-tabakk:

Tabella 5: Bejgħ totali ta' prodotti tat-tabakk (fl-2020)

Data dwar is-sistema tat-traċċabbiltà tat-tabakk		Data tal-Euromonitor			Aġġustament	Sistema tat-traċċabbiltà tat-tabakk + Data tal-Euromonitor
Sigaretti (miljuni ta' unitajiet)	Tabakk tal-brim (1 identifikatur uniku = 50 gramma) (f' miljuni ta')	Sigarri (miljuni ta' unitajiet)	Cigarillos (miljuni ta' unitajiet)	HTP (miljuni ta' stikek)	Tabakk tal-Pipa u tal-Magħda* (aġġustament)	Il-prodotti kollha tat-tabakk (f' miljuni ta' ekwivalenti ta' stikek)

³ Biex jiġi stmat il-volum tal-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk tal-brim, pakkett ta' tabakk tal-brim, kif irreġistrat fis-sistema tat-traċċabbiltà tat-tabakk, tqies li fih 50 gramma ta' tabakk, jiġifieri l-ekwivalenti ta' madwar 71 stikka (jekk wieħed jassumi 0,7 gramma ta' tabakk għal kull stikka).

	ekwivalenti ta' stiekek)					
436 123	122 341	1 006	8 459	20 766	4 210	592 904

*Minħabba l-fatt li l-volum tal-bejgħ tat-tabakk tal-pipa u tal-magħda ma jistax jiġi kkwantifikat fi stiekek, l-analiżi taġġusta l-volum tal-bejgħ totali tal-prodotti tat-tabakk billi żżid is-sehem korrispondenti tal-valur tas-suq tal-EU27, li huwa 0,71 % fl-2020 (għalhekk 592 904 * 0,71 % = 4 210 f' miljuni ta' ekwivalenti ta' stiekek).
Sors: Is-sistema tal-UE għat-traċċabbiltà tat-tabakk, Euromonitor International Passport Tobacco 2021

Sabiex jiġi kkalkolat il-proporzjon eżatt tal-bejgħ totali tal-UE ta' prodotti tat-tabakk li jikkorrispondu mal-volum tal-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk imsaħħna fil-livell tal-bejgħ bl-imnut, l-analiżi użat l-ogħla volum tal-bejgħ (jiġifieri l-kombinazzjoni tas-sistema ta' traċċabbiltà tat-tabakk u tad-*data* tal-Euromonitor dwar il-volum tal-bejgħ) bħala denominatur.

2.2.3 Volumi ta' bejgħ ta' prodotti tat-tabakk imsaħħna fil-livell tal-bejgħ bl-imnut fir-rigward tal-bejgħ totali ta' prodotti tat-tabakk fil-livell tal-Unjoni

Kif spjegat hawn fuq, biex jiġi kkalkolat il-proporzjon eżatt tal-bejgħ totali tal-UE ta' prodotti tat-tabakk li jikkorrispondu għall-volum tal-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk imsaħħna fil-livell tal-bejgħ bl-imnut, l-aktar numeratur baxx - il-volum tal-bejgħ tal-EU-CEG (jiġifieri 19 717 miljun stikka) ntuża f' kombinazzjoni mal-ogħla denominatur ibbażat fuq it-traċċabbiltà tat-tabakk u l-volum tal-Euromonitor (jiġifieri 592 904 miljuni ta' ekwivalenti ta' stiekek).

Dan l-approċċ konservattiv indika li l-volum tal-bejgħ tal-prodotti tat-tabakk imsaħħna fil-livell tal-bejgħ bl-imnut ikkorrisponda għal **3,33 %** tal-volum totali tal-bejgħ tal-prodotti kollha tat-tabakk fil-livell tal-Unjoni għas-sena 2020.

Minħabba li dan il-valur jaqbeż il-limitu ta' 2,5 %, it-tieni kundizzjoni għal bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi rigward il-prodotti tat-tabakk imsaħħna hija ssodisfata wkoll.

2.2.4 Il-valur tal-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk imsaħħna fil-livell tal-bejgħ bl-imnut fir-rigward tal-bejgħ totali ta' prodotti tat-tabakk fil-livell tal-Unjoni

L-analiżi tal-valur tal-bejgħ tipprovdi kejl alternattiv tas-sehem mis-suq tal-prodotti tat-tabakk imsaħħna fl-2020 u tippermetti li jitqiesu l-kategoriji minuri li jifdal ta' prodotti tat-tabakk li ma jistgħux jitkejlu fi stiekek: it-tabakk tal-pipa u tal-magħda (użati għall-aġġustamenti fuq l-analiżi tal-volum tal-bejgħ prinċipali).

It-tabella ta' hawn taħt turi l-valur totali tal-bejgħ fuq kull kategorija ta' prodott għall-Istati Membri kollha fl-EU27 f'biljuni ta' euro:

Tabella 6: Il-valur tal-bejgħ fuq kull kategorija ta' prodotti (fl-2020)

Kategoriji ta' Prodotti	Valur bl-imnut EUR biljun	Is-sehem mis-suq (%) tal-bejgħ totali fil-livell tal-Unjoni
Sigaretti	109,88	81,38 %
Cigarillos	2,33	1,73 %
Sigarri	2,05	1,52 %
Tabakk imqatta' fin (RYO)	15,06	11,15 %
Tabakk tal-Pipa	0,93	0,69 %
Tabakk tal-Magħda	0,02	0,02 %

Tabakk Imsaħħan	4,74	3,51 %
Il-prodotti kollha tat-tabakk	135,01	100,00 %

Sors: Euromonitor International Passport Tobacco 2021

Għalhekk, din id-*data* tindika li l-valur tal-bejgħ tal-prodotti tat-tabakk imsaħħna fil-livell tal-bejgħ bl-imnut jikkorrispondi għal **3,51 %** tal-volum tal-bejgħ totali tal-prodotti kollha tat-tabakk fil-livell tal-Unjoni għas-sena 2020. Dan jikkonferma wkoll l-analiżi prinċipali bbażata fuq il-volum tal-bejgħ.

3. Konklużjoni

Meta jitqies li l-volumi tal-bejgħ tal-prodotti tat-tabakk imsaħħna:

- zdieđu b'mill-inqas 10 % f'mill-inqas ħames Stati Membri, u
- l-volumi tal-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk imsaħħan fil-livell tal-bejgħ bl-imnut jaqbu t-2,5 % tal-bejgħ totali ta' prodotti tat-tabakk fil-livell tal-Unjoni,

dan ir-Rapport jistabbilixxi l-bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi għall-prodotti tat-tabakk imsaħħna.